# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 544

It-Tlieta, 19 ta' April, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 544.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Kulhadd kien prezenti ghal-laqgha u ghalhekk ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

## 544.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 544.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

544.3.1 Is-Sindku gharraf lill-Kunsill illi l-laqgha pubblika ma' TM, LESA u l-Pulizija dwar it-trakkijiet tar-radam se ssir nhar il-5 ta' Mejju.

544.3.2 Saret zjara minn naha ta' xi Periti fuq il-gibjun ta' Santa Lucija peress li qed iduru xi gibjuni li ghandhom bzonn xi tiswijiet. Dawn ghandhom jergghu ikellmuna bir-rapporti taghhom.

544.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-permessi li johorgu minn naha tal-Kunsill ser jigu online mill-1 ta' Mejju 2022.

544.3.4 Gie diskuss is-survey li gie ppreparat fuq it-trakkijiet tal-barrieri. Dan ser jigi ppubblikat, imqassam bieb bieb u anke jista' jintela' online.

544.3.5 Dwar il-berga, kif kien diga' diskuss, is-Sindku qal illi bghatna l-pjanti tal-area li diga' qed tigi uzata mill-berga u anke l-area tas-sular ta' fuq biex naraw jekk ghandhomx xi hsieb li jizviluppaw xi haga aktar u jsir arrangement mal-Primary Healthcare.

544.3.6 Is-Sindku gharraf lill-Kunsill illi l-laqgha Plenarja ser issir nhar is-17 u 18 ta' Gunju 2022.

544.3.7 Il-counting machines li tlabna lill-Maltapost plc ma gewx accettati u ghalhekk il-Kunsill irid jixtri wahda hu jekk ikun irid.

544.3.8 Dwar l-equipment tal-progett tal-Ghadira ser ikollna nbiddlu t-tip ta' equipment peress li dan ma sibniex bhalu. Ghalhekk, gie deciz illi naraw x'hawn fis-suq u nohorgu l-offerta skond x'hawn fis-suq.

544.3.9 Ir-rapport tat-trakkijiet li sar mill-Perit Busuttil intbaghat il-Ministeru ghal Ghawdex.

544.3.10 Eko Ghawdex laqghu it-talba illi l-kontijiet tal-Perit tax-xoghol li sar fuq il-gibjun ta' Qasam San Gorg ser jithallsu minn naha taghhom.

544.3.11 Il-Kumitat tal-Festa Kercem qed jitlob li jsiru l-mobile toilets ghall-fiera tal-Ghadira. Hadd ma sab oggezzjoni.

544.3.12 Intalbet stima sabiex tiddawwal il-Palma li hemm fi Triq ix-Xaghri. Din l-istima hija ta' Eur799. Il-Kunsill qabel li ssir.

## 544.4 Progress mil-laqgha tat-trakkijiet

Kif diga' ntqal aktar kmieni fil-laqgha, is-Sindku fakkar li se ssir laqgha pubblika ohra fil-5 ta' Mejju, din id-darba bil-prezenza ta' ufficjali ta' TM, LESA u Pulizija.

## 544.5 Resurfacing Triq Ghajn Tuta

Is-Sindku qal li saret laqgha fuq il-post fejn gew diskussi x-xogholijiet u suppost ser jibdew dalwaqt.

## 544.6 Progett tal-Ghadira – Mizura 4

Kif diga' ntqal qabel, ser ikollu jinbidel l-equipment kollu minhabba li l-ebda kuntrattur ma baghat l-offerta tieghu.

## 544.7 Offerta ghal Van tal-Elettriku

Is-Sindku gharraf lill-Kunsill illi din l-offerta ghalqet u rridu nahtru l-bord ta' evalwazzjoni. Gie deciz li jinhatar kif gej: Chairperson – William Sultana; Evalwaturi – Ing Mario Cauchi, Dr Joshua Grech, Daniel Galea; Segretarja – Marianne Sagona.

## 544.8 Festa 2022

Gie diskuss kif ser isiru l-arrangamenti ghat-toilets u l-gabbani ghall-festa ta' din is-sena. Gie deciz li jsir kif kien sar fl-ahhar festa, jigifieri dik tal-2019. Dwar tindif ser nippruvaw innaddfu bil-haddiema l-godda tal-CWS.

## 544.9 Ilmenti u Suġġerimenti

544.9.1 Il-Kunsillieri Alvin Grech ressaq talba sabiex jitranga hajt tal-Lunzjata. Hadd ma sab oggezzjoni.

544.9.2 Il-Vici Sindku qal illi hemm gandott perikoluz fi Triq San Girgor quddiem il-hanut tieghu. Wara diskussjoni, gie deciz li nitkellmu mal-kuntrattur u naraw x'inhu l-ahjar li jsir u aktarx ikollha tingiref u tinghata kisja.

544.9.3 Saret talba sabiex issir mera fi Triq Kercem u ohra fi Triq ta' Xewka. Sar qbil li jsiru.

544.9.4 Saret talba biex isir double yellow line fi Triq Santa Lucija kantuniera ma' Triq l-

Ghadira. Hadd ma sab oggezzjoni.

544.9.5 Il-Kunsillier Horace Vella talab ghal mera f'tar-Riefnu. Sar qbil li ssir.

544.9.6 Il-CWS tawna tliet haddiema ohra sabiex jahdmu fuq il-hitan tas-sejjiegh.

## 544.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 544.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 18 ta' Mejju, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi | Marianne Sagona |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |